MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 198/2007

Il-Pulizija
(Spt. J. Mifsud)
vs.

Dominic Ceci

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer, fil-5 ta’ Gunju, 2000, u f’din l-ahhar sena qabel din id-data,
a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga w ma

kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Mejju, 2007 li biha, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimijiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni biss u lliberatu mill-ewwel imputazzjoni. Ikkundannat lill-appellant ghal seba' xhur prigunerija w biex ihallas multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250). Il-multa tista' tithallas f'pagamenti ta' hamsin lira Maltija (LM50) fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn erba' gimghat. Fin-nuqqas ta' xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Kull LM5 mhux imhallsa tinbidel f'jum prigunerija.

Il-Qorti kkundannatu jhallas is-somma ta’ seba’ w ghoxrin Lira Maltin u erba’ w sittin centezmu (LM 27.64c), hlas ta’ l-ispejjes ta’ l-esperti ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap. 9. Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Mejju, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :

1. tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati ta’ l-ewwel imputazzjoni;
2. thassaraha w tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni riferibbilment ghall-kwalifika specjali li l-pusses ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv, filwaqt li tikkonferma l-htija biss dwar pussess semplici, b’dan li timponi sanzjoni li tkun tirrifletti din id-dikjarazzjoni;
3. alternattivament u minghajr pregudizzju, thassaraha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi  l-aggravji tal-appellant huma fil-qosor is-segwenti w cioe' :-  L-appellant jilmenta mis-sejbien ta' htija u piena dwar it-tieni imputazzjoni u cioe' dik ta' pussess tad-droga eroina f' tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu. Ma jaqbilx mal-argumentazzjoni w eventwali interpretazzjoni ta' l-Ewwel Qorti fejn si tratta tal-kwalifika specjali tal-pussess. Mill-fatt li nstabet id-droga f' pakkett mohbi u xi aluminium foil u li gie pruvat il-pussess sal-grad rikjest mill-ligi ta' tali eroina, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tiddeduci l-kwalifika specjali  li trid tigi pruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mill-ligi. Illi anki jekk tali pussess aggravat jista' jigi inferit minn cirkostanza wahda hemm bzonn li din ic-cirkostanza tkun univoka w konkordanti. F' dan il-kaz la l-pussess u lanqas l-ammont ta' 4.568 grammi - ammont relativament zghir - ma huma cirkostanzi, kemm individwalment u kif ukoll flimkien li jippuntaw lejn direzzjoni wahda  w cioe' li tali pussess kien

intiz ghall-ispacc. La l-attendibilita' tal-appellant ta' kif akkwista d-droga w il-fatt li ma ngabitx prova li hu kien juza d-droga ma jistghu jigu ekwiparati mall-prova li trid taghmel il-prosekuzzjoni fil-kaz odjern. Ma tistax issir inferenza mill-fatt li l-allegata sejba ta' droga hija inverosimili u mill-fatt li l-appellant kien juza *"smoke"* biss. Hu jikkoncedi biss il-htija ta' pussess semplici li hu kompriz u involut fl-imputazzjoni kif dedotta. Minghajr pregudizzju, minn fatti rizultanti mill-process is-sanzjoni kontemplata tista' tigi mibdula jew ridotta.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravju principali jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti biex sabet htija skond it-tieni imputazzjoni, cioe' dik ta' pussess tad-droga eroina f' cirkostanzi tali li juru li dak il-pussess ma kienx ghal-uzu esklussiv tal-appellant.

Issa huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrana ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “*inter alia*” l-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs.**

**Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt",** deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ……, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni w dak l-apprezzament .

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar din it-tieni imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant .

Illi dawn il-provi jikkonsistu fid-depozizzjoni ta' erba membri tad-drug squad li kienu prezenti fir-residenza tal-appellant Bugibba meta nstabet is-sustanza li wara rrizulta li kienet droga eroina w tal-Ispettur Josric Mifsud , kif ukoll l-istqarrija tal-appellant, li pero' ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti. WPC 14, Joanne Scicluna, PC 1473 Deguara, WPC 112, Florence Grech u PC 279 Kevin Gauci lkoll xehdu li fil-5 ta' Gunju, 2000, kienu hadu parti fi tfittxija fir-residenza Flat 2, Omega Flats , Triq Ananija , Bugibba u waqt dit-tfittxija PC 1473 Deguara kien sab borza tal-plastic bi trab kannella minn go kaxxa tac-curkett li kienet go cupboard fil-kcina tal-flat. Instab ukol roll tal-foil. Huma ghadew dan lill-ispettur Josric Mifsud ghall-aktar investigazzjoni.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant kien qal li ma kienx jaf x' kien fiha din il-borza ghax kif kien niezel mill-karozza, hu hu sejjer id-dar, dak in-nhar stess tal-5 ta' Gunju, 2000, filghodu, kien sab pakkett fl-art u gabru. Kien tefghu fil-kaxxa tac-curkett , "*biex ma toqghox iddur*" u din baqghet hemm sakemm sabuha l-Pulizija. Hu kien ghadu ma fetahiex. Il-foil li instab hu kien isajjar bih ghax jaghmlu fuq l-ikel. *"Jekk ikollok bicca tigiega u bicca laham, u wahda ssir qabel l-ohra, taghmel bicca foil fuqha biex ma tinharaqx."* Mistoqsi kienx jaghmel uzu mid-droga l-appellant kien qal li kien juza s' "smoke" is-sena ta' qabel imma kien waqaf. Hu ma jbieghx droga.

L-Ispizjar Mario Mifsud li kien gie nominat bhala espert mill-Ewwel Qorti kien xehed li fil-pakkett ta' trab kannella instabu 4.568 grammi eroina ta' purita' ta' cirka 25%.

Ikkonsidrat;

Illi il-motivazzjoni li tat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata biex fuqha sabet htija tat-tieni nimputazzjoni li dwarha hemm kontestazzjoni biss ghar-rigward tal-kwalifika li l-

pussess tal-eroina ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant - ghax fuq il-pussess semplici ma hemmx kontestazzjoni - kienet is-segwenti :-

(a) l-ammont ta' eroina misjuba;
(b) l-inattendibilita' tal-ispjegazzjoni li ta l-appellant dwar kif u fejn sab id-droga;
(c) li l-imputat kien juza 'smoke' biss u li kien waqaf minn dan sena qabel;
(d) li ebda prova ma ngabet li l-appellant kien juza droga;
(e) li anki kieku ngabet tali prova dan ma jfissirx li l-appellant ma jkunx hati ta' pussess aggravat; u
(f) li l-ammont misjub b' ebda mod ma kien gustifikat ta' l-inqas fuq bazi ta' probabbilita'.

Ikkonsidrat;

Illi wiehed milll-aggravji tal-appellant hu li l-fatt li l-appellant deher inaffiddabbli ghall-ewwel Qorti ma kellhiex tkun prova li d-droga li kellu l-appellant ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Brian Caruana"** [23.5.2002], "*din is-sottomissjoni kienet tkun sa certu punt korretta kieku l-Ewwel Qorti bbazat biss il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-innattendibilita' tal-versjonijiet differenti w improbabbli moghtija mill-appellant. Imma "in all fairness" ghall-ewwel Qorti, l-argument tal-inattendibilita' ma ingabx fil-kuntest ta' prova mill-Ewwel Qorti imma fil-kuntest li wassal lill-Qorti biex tiskarta id-diversi spjegazzjonijiet li ta' ghall-akkwist tad-droga u dana b'mod li giet imminata il-kredibilita' tieghu meta sostna li d-droga kienet ghall-uzu tieghu personali. L-Ewwel Qorti ma qalitx li l-appellant hu hati ghax ma kienetx qed temmnu. Qalet invece li hemm cirkostanzi bizzejjed biex iwassluha ghall-konkluzzjoni li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu u li cahda ta' dan mill-appellant ma kienetx attendibbli w ergo ma kienetx qed tatiha il-piz li xtaq li tinghatha l-appellant bhala prova. Dan hu argument divers minn dak kif interpretat mill-appellant fl-aggravji tieghu fir-rikors tal-appell . Anki hawn din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fir-ragunament tal-Ewwel Qorti.*"

F' dan il-kaz pero' l-Ewwel Qorti semmiet in-nuqqas ta' attendibilita' tal-appellant fir-rigward ta' kif gie fil-pussess tad-droga bhala wahda mil-provi tal-htija tieghu ta' pussess aggravat u mhux bhala argument ghala ma kienetx qed temmnu fic-cahda tieghu li ma kienx ibiegh droga. F' dan is-sens dan il-kap ta' motivazzjoni wahdu hu monk u ma jistax wahdu jwassal ghall-sejbien ta' htija ta' pussess aggravat u s' hawn l-appellant ghandu ragun.

Pero' dwar l-aggravju l-iehor tal-appellant li ma rrizultawx cirkostanzi tali li juru li d-droga misjuba ma kienetx ghall-uzu personali tal-appellant, din il-Qorti wara li fliet il-provi kollha ma tarax li l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward kienet wahda “*unsafe and unsatisfactory*“ u fuq dan l-apprezzament ta‘ fatt din il-Qorti ma tarx li ghandha ghalfejn tiddisturba l-gudizzju tal-Ewwel Qorti. L-Ewwel Qorti gustament qalet li l-ammont tad-droga misjub ma kienx wiehed zghir u addirittura minnu setghu johorgu xi tletin qartas u li jekk kien veru li l-appellant ma juzax eroina, kif qal fl-istqarrija tieghu, ma kienx jaghmel sens il-pussess ta' tali ammont ta' droga eroina ghandu, jekk mhux ghax kien behsiebu jispaccjah.

Umbaghad kif gie ritenut fl-Appell Kriminali ta' **Brian Caruana** appena hawn fuq citat, *"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi “*hard and fast rule*” x’inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi . Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti , ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b’ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".*

F’dal kaz din il-Qorti ma ghandhiex xi "*lurking doubt*" li saret ingustizzja mall-appellant bil-konkluzzjoni ta’ htija

raggunta mill-Ewwel Qorti u din il-Qorti thoss li, fuq il-fatti li rrizultawlha, l-Ewwel Qorti, din setghet tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha li d-droga li nstabet fil-pussess tal-appellant instabet f'cirkostanzi li jindikaw li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu kif mahsub fl-art. 22 (2) (b) (i) tal-Kap.101.

Ghalhekk din il-Qorti mhux qed tilqa' l-appell fil-mertu .

Illi dwar l-aggravju fuq il-piena, l-piena karcerarja w l-multa inflitti mill-Ewwel Qorti hija perfettament entro l-parametri preskritti mill-ligi fl-artikolu fuq citat. Illi meta wiehed iqis il-kondotta precedenti tal-appellant, il-gravita' tal-kaz u l-fatt li l-appellant ma kkooperax mall-Pulizija, fatt li kieku rrizulta, seta' jintitolah ghal certa mitigazzjoni fil-piena skond l-art. 29 tal-Kap.101, din il-Qorti tosserva li jekk xejn il-piena inflitta hi razenti l-minimu ta' sitt xhur prigunerija minn dak tal-massimu tal-piena ta' ghaxar snin applikabbli ghat-tieni imputazzjoni. Lanqas ma jirrizulta li din il-piena hija manifestament spropozjonata ghall-kaz, mehuda in konsiderazzjoni sentenzi ohra ghall-reati simili moghtija mill-Ewwel Qorti w konfermati minn din il-Qorti. Illi mbaghad idejn l-Ewwel Qorti u anki idejn din il-Qorti huma marbuta bid-dispozizzjoni tal-artikolu 22 (9) tal-Kap.101 li ma jaghamilhiex possibbli li l-Qorti taghti piena taht il-minimu jew piena ta' sentenza sospiza fil-kaz ta' htija ghall-ewwel reat u l-piena karcerarja hija mandatorja. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm raguni ghaliex ghandha timmodifika l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------